MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2007

Numru. 17/2005

**Il-Pulizija**
**Supretendent Antonello Grech**
**V**

**DAVID ZERAFA**

**Seduta ta' llum, 28 ta' Gunju 2007**
**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **DAVID ZERAFA** ta' wiehed u tletin sena bin Joseph u Carmela nee Saliba imwieled Victoria, Ghawdex nhar l-hamsa ta' Mejju 1974 u residenti Plot 70, Triq r-Ramla, Nadur, Ghawdex detentur tal-karta tal-identita numru 11374G gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli fit-tmienja w ghoxrin ta' Gunju 2005 bejn s-siegha w kwart ta' filghodu w s-saghtejn ta' filghodu, fin-Nadur, Ghawdex, ingurja, hedded u fizikament aggredixxa lil PS 1040 John Grima, PC 821 Walter Camilleri, PC 1117 Mario Camilleri, PC 354

Anthony Spiteri, PC 461 George Sultana u PC 330 Emanuel Schembri, ufficjali tal-Korp tal-Pulizija u kwindi persuni nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku u dan bil-hsieb li jbezzghahom u jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

2. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubbliku kontra PS 1040 John Grima, PC 821 Walter Camilleri, PC 1117 Mario Camilleri, PC 354 Anthony Spiteri, PC 461 George Sultana u PC 330 Emanuel Schembri, persuni nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu qed jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond l-ligi mill-Awtorita kompetenti;

3. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkagunaw griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuni ta’ PC 461 George Sultana u PC 330 Emanuel Schembri, persuni nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan s-servizz jew bil-hsieb li jbezzghahom u jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

4. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna offizi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Mario Xerri skond kif iccertifika Doctor Anselm Psaila MD fl-isptar Generali ta’ Ghawdex;

5. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkagunaw griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuni voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe qmis tal-pulizija, liema hsara tammonta ghal inqas minn ghaxar liri maltin u liema hsara saret ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta;

6. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb kontra l-persuni ta’ Franciene Borg sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jghamlilha hsara;

7. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ngurja jew hedded lil Phyllis Debono;

8. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr ma dorob jew sawwat, waddab hwejjeg iebsin u cioe flixken kontra n-nies;

9. talli fl-istess data, lok u hin, kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

10. talli fl-istess data, lok u hin, m’obdiex ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-pulizija;

11. talli fl-istess data, lok u hin, dagha u qal kliem oxxen fil-pubbliku;

12. talli fl-istess data, f’Victoria ghal habta tas-saghtejn unofs ta’ filghodu rrifjuta li jaghti ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikolaritajiet ohra lil pulizija meta hekk gie mitlub;

13. talli sar recidiv b’sentenzi li saru definittivi u ma jistghux iktar jigu mhassra.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, tapplika l-artikoli 383 u 384 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esbiti fosthom sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat odjern datata wiehed w ghoxrin ta’ Lulju 2005 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) [fol 49], sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] fil-konfront tal-imputat odjern datata erbatax ta’ Frar 1996 markata bhala dokument AG [fol 71], sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] fil-konfront tal-imputat odjern datata tmienja w ghoxrin ta’ Jannar 2004 markata bhala dokument AG 1 [fol 73], sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] fil-konfront tal-imputat odjern datata erbgha ta’ Novembru 2004 markata bhala dokument AG 2 [fol 75], sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] fil-konfront tal-imputat odjern datata erbatax ta’ Lulju 1993 markata bhala dokument AG 3 [fol 77] u l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Frar 2006 [fol 86] sabiex fin-nuqqas

t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta ta' nhar s-sebgha ta’ Marzu 2006 [fol 93] li ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni kif wkoll lil imputat jixhed minn jeddu b’mod voluntarju [fol 109] u lix-xhud tad-difiza Anthony Grech.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta ta’ nhar d-dsatax ta’ April 2007.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Lulju 2005, **xehed PS 1040 John Grima** [fol 30] fejn qal li fit-tmienja w ghoxrin ta’ Gunju 2005 hu kien xoghol n-Nadur ghal festa u mieghu kien hemm PC 330 Manuel Schembri, PC 821 Walter Camilleri, PC 1117 Mario Camilleri u PC 354 Anthony Spiteri. Qal li ghal habta tas-siegha w nofs ta’ filghodu waqt li kienu quddiem l-ghassa tal-pulizija n-Nadur, mar certu Michael Cassar fuqhom u qalilhom li kien hemm certu David Zerafa jiggieled quddiem il-kazin tal-football w ghalhekk telghu hemm fejn raw xi nies gejjin fid-direzzjoni taghhom li qalulhom l-istess.

Fil-fatt persuna minn dawn, certa Phyllis Debono, qaltilhom li David Zerafa kien habat ghal habib taghha u li kien tefghalha tazza tax-xorb lejn wiccha. Spjega li f’daqqa wahda David Zerafa, li hu kien jafu qabel, hareg minn qalb in-nies u mar fid-direzzjoni taghhom u beda jghid biex ihalluh u beda jallega li l-pulizija riedu jaghmlu *show*. Ix-xhud kompla jghid li hu staqsa lil David Zerafa, l-imputat presenti, x’kien gara u dan qallu li kien hemm bniedem li kien insulenta lil martu u lil ibnu.

Ix-xhud qal li hu qal lil imputat sabiex imur l-ghassa mieghu u f’daqqa wahda sar aggressiv w ipprova jahbat ghal pulizija, beda jinsulenthom u jxejjer idejh u saqajh u

ghalhekk kellhom izommuh w l-pulizija spiccaw mal-art. Qal li hin minnhom l-imputat kien donnu ser jikkollobora maghhom u li kien ser imur l-ghassa u waqghulu xi flus u gabarhomlu PC 330 Emanuel Schembri.

Ix-xhud kompla jghid li hu cempel lil tal-*mobile squad* biex jibghatu l-assistenza peress li waqt li kien miexi maghhom, l-imputat kien aggressiv. Qal li damu jzommu lil imputat ghal xi ghaxar minuti il-hin kollu jissaraw mieghu. Qal li hu ghamel l-okkorrenza relattiva li esibixxa bhala dokument PS [fol 34].

Qal li dakinhar l-imputat kellu xi demm ma wiccu u ghalhekk qal lil shabu biex jerhuh biex jara ezatt x'kellu u f'dak il-hin, l-imputat tar ghal fuqu u laqtu sbrixx f'wiccu u l-imputat spicca ghal dahru fl-art u ghal darb'ohra kelhom jergghu jzommuh. Qal li dak l-hin waslu l-pulizija tar-Rabat u hadu lil imputat l-ghassa. Spjega li incident mal-pulizija tar-Rabat hu ma rax. Zied jghid li x'hin kienu l-ghassa tal-pulizija n-Nadur, l-imputat ikkalma u beda jibki u jghid li kien gie nsulentat b'martu w ibnu minn persuna mis-Sannat li kien jafu minn wiccu u li kien ismar u liebes jeans u flokk ahmar. Kompla jghid li l-imputat beda jkun kalm u jghidilhom biex ma jghamlulu xejn peress li kien marid. Qal li kien hemm PC 461 George Sultana li f'dan l-intervent kien qala daqqa ta' ponn minghand l-imputat u hu ra lil PC 330 Emanuel Schembri jaqla daqqa fuq naghsu minghand l-imputat. Spjega li meta l-imputat ikkalma, qallu li kien ser jarrestah minhabba l-imgieba tieghu u hu flimkien ma PC 330 Emanuel Schembri u PS 1117 Mario Camilleri haduh bil-karozza l-ghassa tar-Rabat. Spjega li waqt li kienu sejrin bih l-*lockup*, staqsewh ridtx kura u l-imputat irrisponda li ma riedtx, pero huma xorta haduh l-isptar fejn gie ezaminat minn Doctor Anselm Psaila li ccertifikah li kellu ksur fuq t-tubular tan-naha tax-xellug. Ix-xhud esibixxa c-certifikat mediku rilaxxjat minn Doctor Alselm Psaila bhala dokument PS 1. [fol 40]. L-imputat qalilhom wkoll li l-persuna li nsulentatu kien certu Mario Scerri mis-Sannat.

Ix-xhud zied jghid li hu tkellem ma Mario Scerri li qallu li l-imputat kien habat ghalih b'saqajh x'hin rah ihares lejh.

Qallu li l-imputat mar ghal fuqu, beda jtaptap fuq spallejh u qalu “Hawn man”, dar fuq Francine u qalilha “Jekk irid jisfidani, ghidlu jigi barra u nifqaghlu wiccu”.  Mario Scerri qallu li hu kien qal lil imputat li hu minn Sannat u li kien hemm biex jifrah maghhom, u l-imputat rrispondih biex ma jehduhiex ma tar-rahal u f’daqqa wahda l-imputat qabdu minn spallejh w imbuttah ‘l barra, qabad banketta, zewgt imwejjed u flixkun ghalih u spiccaw t-tnejn mal-art.  Qallu li dak l-hin in-nies li kien hemm telqu lejn il-pjazza.  Qallu li saqajh bdiet tugghu u ma setghax jimxi aktar.

Ix-xhud zied jghid li meta qal lil Mario Scerri dak li kien qed jallega l-imputat, dan cahdu u zied jghidlu li fic-cirkostanzi huwa xtaq jirranga u li kull ma hu kien qal lil imputat kien li hu minn Sannat u li kien jafu l-kazin tal-banda.

Ix-xhud qal li hu tkellem wkoll ma Francine Borg li qaltlu li Mario Scerri beda joffendi lil imputat b’ibnu u hi qaltlu li ma kellhiex x’taqsam fl-affari.  Qaltlu li beda jghajjat u jimbotta u qalilha “Int wkoll lili tobghodni” u hi dahlet fil-kazin tal-football u mar l-imputat jghalaq lil Mario Scerri u dan tal-ahhar beda jtaptaplu biex jikkalma lil imputat u dan beda jghajjat ‘Ejjew ja pulizija halli naghtikom’ u l-imputat hareg lil Mario Scerri sal-bieb, imbuttah u waqqghu tlett targiet ghal nofs t-triq.  Spjegat li l-imputat intefa mal-ewwel mejda, qabad flixkun tal-Budweiser, kissru u spicca bl-ghonq tal-flixkun f’idu w imbaghad remih.  Qalet li mbaghad l-imputat qabad flixkun iehor tal-Heineken u beda jigri wara Mario Scerri u n-nies bdew izommuh u jghidulu jmur lejn d-dar, pero l-imputat harbilhom u rega’ ntefa’ fuq Mario Scerri u wegghalu siequ.  Ziedet tghid li n-nies firduhom pero l-imputat rega’ harbihom u tefa flixkun tal-Heineken lejn Francine Borg u lil Mario Scerri tazza Vodka.    Qaltlu wkoll li dak l-hin xi nies qabdu lil Mario Scerri u Phyllis Debono marret tigri ghal pulizija.

Ix-xhud spjega li hu tkellem wkoll ma Saviour Azzopardi li qallu li ghal habta tas-siegha w nofs ta’ filghodu kien l-kazin tal-football u ra lil imputat li kien qed jizfen u jahbat ma dak u mal-iehor u deher li ma kienx fi stat normali.  Qallu li ra li l-imputat resaq fuq Mario Scerri qisu biex

jizfen mieghu u Mario Scerri donnu deher li kien qed ikompli mieghu, pero f'daqqa wahda l-imputat beda jimbotta lil Mario Scerri u jahbat ghalih. Qallu li l-imputat kien hasdu lil Mario Scerri meta mbuttah 'l barra u David beda jghajjat ma Mario Scerri u jghidlu 'Int ser tehodha mieghi' w imbotta lil Mario Scerri bil-qawwa minn bejn zewgt imwejjed. Saviour Azzopardi qallu li ra lil imputat jaqbad zewgt iflixken u jitfaghhom ma kantuniera tal-mejda u wara rema' fl-flixken, qabad banketta u beda jfajjarha fid-direzzjoni ta' Mario Scerri. Qallu li kien hemm xi nies li zammewh u x'hin ra li ma setghax jilhaq lil Mario Scerri, l-imputat tefaghielu.

Qallu li l-imputat harab minn idejn n-nies u rega' mar ihebb ghal Mario Scerri u tefghu mal-art u waqghu t-tnejn fuq xulxin. Zied jghidlu li n-nies regghu zammewh u hu qajjem lil Mario Scerri minn mal-art u Mario Scerri qallu li kellu ugiegh f'saqajh. Saviour Azzopardi zied jghidlu li wara ha lil Mario Scerri l-pjazza u setgha jara lil imputat qisu jiggieled man-nies qisu ried jerga jmur ghal Mario Scerri.

Saviour Azzopardi qallu li hu kien ra lil imputat jersaq lejn Francine Borg u Phyllis Debono u jillatika maghhom u kien hemm wiehed li mar fuq l-imputat u qallu 'Issa man-nisa wkoll ser tehodha'. Qallu wkoll li hu pprova jzomm lil imputat l-hin kollu matul l-incident. Ix-xhud esibixxa tlett certifikati medici mahruga minn Doctor Anselm Psaila fil-konfront ta' Mario Scerri, PC 330 Emanuel Schembri u PC 461 George Sultana li gew immarkati bhala dokumenti PS 1, PS 2 u PS 3 [fol 40 u 42].

Ix-xhud PS 1040 John Grima zied jghid li aktar tard dakinhar ghal xi l-hdax ta' bil-lejl, hu flimkien ma PS 461 George Sultana rega' kellhom argument mal-imputat peress li reid jerfa l-istatwa tal-festa u l-kumitat ma hallihx, hu kien ipprova jikkalmah u anke tah t-twissija sabiex jobdi u joqghod kwiet halli l-festa ssir fil-kwiet. Zied jghid li x'hin marru l-*lockup*, l-imputat irrifjuta li jaghti l-partikolaritajiet tieghu lil min kien ghassa mal-*lockup*.

Illi nhar l-erbgha ta’ Mejju 2006 **rega’ xehed PS 1040 John Grima riprodott mid-difiza** [fol 102] fejn qal li huma kellhom juzaw forza biex izommu lil imputat. Qal li hu ma rax ufficjali jaghtu daqqiet ta’ ponn ghalkemm l-imputat kellu xi demm hiereg minn imniehru. Qal li jaf li l-imputat kien laqat lil PC 330 Emanuel Schembri u kien ghalhekk li wzaw l-forza mal-imputat. Qal li ma kienux attrezzati b’manetti u li kienu qed jistennew lil shabhom jigu biex jghinuhom izommu lil imputat. Qal li f’xi hin l-imputat infagar meta kien mal-art.

Mistoqsi kemm kienu ufficjali x-xhud wiegeb li kienu xi sitta pero hu fl-ebda hin ma kien fuq l-imputat. Kien hemm PC 330 Emanuel Schembri, PS 1040 John Grima, PC 461 George Sultana, PC 821 Walter Camilleri u PC 1117 Mario Camilleri. Qal li kienu hamsa b’kollox pero erbgha kienu qed izommuh biss ghaliex hu ma kienx qed izommu. Qal li huma kienu telqu mill-ghassa biex ifittxu lil imputat hdejn il-kazin tal-football wara li kienet marret persuna tghidilhom li l-imputat kien qed jiggieled. Qal li qabel ma ltaqa ma l-imputat, Phyllis Debono kienet marret tghidilhom li l-imputat kellu xi jghid ma habiba taghha. Spjega li l-imputat kien aggressiv f’daqqa wahda u kien dak l-hin li shabu zammewh, pero wara qal li kien ser jikkollobora mal-pulizija u f’daqqa wahda rega’ sar aggressiv. Qal li dak l-hin l-imputat waqghulu l-flus w il-mobile u PC 330 Emanuel Schembri gabarhomlu. Qal li hu ma rax lil imputat jaghti xi daqqa lil PC 461 George Sultana ghaliex kien qed icempel l-ghassa minn fuq il-mobile u ma tax kaz. Qal li l-imputat mar ghalih u tah daqqa u zamm lil PC 330 Emanuel Schembri meta diga kellu demm ma wiccu. Qal li hu ra biss demm ma wiccu u mhux daqqa.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Lulju 2005, **xehed Doctor Anselm Psaila** [fol 43] fejn qal lili fit-tmienja w ghoxrin ta’ Gunju 2005 hu kien ezamina lil George Sultana mix-Xaghra wara li allegatament kien gie ‘punched’ f’wiccu. Spjega li rriskontra tbengila twila zewg centimetri ta’ wisgha zewg centimetri fuq mohhu, ohra wara l-ghonq n-naha tax-xellug, w ugiegh fuq minkbu tax-xellug liema feriti dehru li kienu ta’ natura hafifa. Ix-xhud ikkonferma c-

certifikat mediku esibit fl-atti bhala dak li rrilaxxja hu. Zied jghid li hu kien ezamina wkoll fl-istess gurnata lil Manuel Schembri fejn irriskontra li kellu ugiegh fuq in-naha tax-xellug ta’ qaddu u fuq imniehru wara li dan kien allega li kien qala daqqa f’wiccu u li tali feriti kienu kompatibbli ma dik il-versjoni. Ix-xhud ikkonferma wkoll li dan c-certifikat mediku esibit gie rilaxxjat minnu w ikkonferma l-firma tieghu fuqu. Ix-xhud qal li hu ezamina wkoll lil Mario Scerri fejn sab li kellu ksur fl-ghaksa x-xellugija u kien irreferih ghand specjalista skond kif jirrizulta mic-certifikat esibit li gie kkonfermat wkoll minnu.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Lulju 2005, **xehdet Phyllis Debono** [fol 45] fejn qalet li nhar t-tmienja w ghoxrin ta’ Gunju 2005 bejn s-siegha w is-saghtejn ta’ filghodu hi kienet n-Nadur flimkien ma Mario Scerri u Francine Borg u Saviour Azzopardi fil-kazin tal-football tan-Nadur. Qalet li kienu qed jiehdu *drink* meta raw lil imputat presenti fl-awla jizfen. Qalet li xi hin mar l-imputat fuq Mario Scerri w ipprova jizfen mieghu u qallu ‘Hallini, ahna qed niehdu pjacir maghkom’. Fid-daqqa w l-hin bdew jiggieldu t-tnejn u l-imputat qabad u tefa’ lil Mario Scerri barra l-kazin u telaq ghal warajh, qabad u kisser zewgt iflixken u beda jitfa t-tazzi. Qalet li l-imputat lilha tefghalha tazza u laqatha biha u lil Francine Borg taha daqqa ta’ flixkun. Ziedet tghid li barra l-imputat u Mario Scerri bdew jiggieldu u l-imputat spicca biex waqa fuq Mario Scerri u kien dak l-hin li Mario Scerri kiser siequ. Qalet li hi ma kienetx taf x’ser taghmel ghax ma kienetx tiflah ghalihom u telqet tigri ghal pulizija.

Illi nhar l-erbgha ta’ Mejju 2006 **regghet xehdet Phyllis Debono** in kontr’ezami [fol 101] fejn qalet li mhux Mario Scerri qabad lil imputat izda l-imputat qabad lil Mario Scerri u tefghu fit-triq billi mbuttah. Qalet li Mario Scerri dak l-hin ma waqax. Ziedet tghid li l-imputat mar jahbat ghal Mario Scerri, qisu biex jiggieled mieghu u Mario Scerri qabad lil David u zammu biex ma jaghtihx u l-imputat inxtehet fuq Mario Scerri u spiccaw waqghu mal-art. Fissret li x’hin l-imputat mar ghal fuq Mario Scerri, dan tal-ahhar zammu, imbaghad l-imputat dahhal saqajh

go ta’ Mario Scerri jew tfixklu fis-saqajn u waqghu t-tnejn mal-art.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Lulju 2005, **xehdet Franciene Borg** [fol 47 fejn qalet li it-tmienja w ghoxrin ta’ Gunju 2005 bejn s-siegha w is-saghtejn ta’ filghodu hi kienet n-Nadur flimkien ma Mario Scerri u Phyllis Debono u Saviour Azzopardi fil-kazin tal-football tan-Nadur. Qalet li kienu qed jizfnu bejnitehom u kien hemm wkoll l-imputat presenti fl-awla jizfen. Qalet li xi hin l-imputat beda jiggieled ma Mario Scerri, imbuttah ‘l barra u l-imputat qabad zewgt iflixken, kissirhom u qabdu f’xulxin u waqghu mal-art. Qalet li Mario Scerri spicca b’siequ miksura u l-imputat beda jigi mizmum minn xi nies. Qalet li huma bdew ifittxu z-zarbun ta’ Mario Scerri u Phyllis Debono telqet tigri ghal pulizija.

Illi nhar l-erbgha ta’ Mejju 2006 regghet **xehdet Francine Borg** prodotta mid-difisa [fol 100] fejn mistoqsija jekk l-imputat spiccax fl-idejn ma Mario Scerri, wiegbet fl-affermattiv. Ziedet tghid li dawn kienu mqabbdin f’xulxin u damu sakemm tramblu mat-triq u tgerrbu f’xulxin. Qalet li lil imputat ma ratux jaghti xi daqqiet lil Mario Scerri li kien bil-wieqfa u li beda jersaq lura u jghid li ma riedx jiggieled. Qal li kien dak l-hin li l-imputat mar fuqu w attakkah u qabdu minn persuntu. Mistoqsija tghid minn fejn qabdu, x-xhud ma kienetx f’posizzjoni tghid, pero taf li qabdu u tramblu u fejn kien Mario Scerri ma kienetx taf. Mistoqsija jekk setghax kien l-imputat li mbotta lil Mario Scerri, x-xhud wiegbet li ma tiftakarax. Qalet li taf fiz-zgur li x’hin Mario Scerri qam, beda jzappap.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Lulju 2005, **xehed Mario Scerri** [fol 48] fejn qal li dakinhar tat-tmienja w ghoxrin ta’ Gunju 2005, bejn s-siegha w is-saghtejn ta’ filghodu hu kien n-Nadur flimkien ma Phyllis Debono, Francine Borg u Saviour Azzopardi fil-kazin tal-football tan-Nadur. Qal li kienu qed jiehdu drink meta raw lil imputat presenti fl-awla u ghal xejn b’xejn ried li jkollu xi jghid mieghu, beda jimbuttah ‘l barra mil-kazin, kisser xi flixken, imwejjed u siggijiet u x’hin wasal qribu, waqghu t-tnejn mal-art f’xulxin u hu spicca biex kiser siequ. Qal li lil imputat kien jafu

peress li hu minn Sannat u qatt ma kellu x'incident mieghu.  Qal li hu ma riedtx jiggieled mal-imputat u fil-fatt meta rah ikisser flixkun, resaq lura.  Qal li fl-ebda hin m'insulenta lil imputat b'martu w ibnu.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Settembru 2005, **xehed PC 821 Walter Camilleri** [fol 56] fejn qal li nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Gunju 2005 waqt li kien l-ghassa tal-pulizija n-Nadur ghal habta tas-siegha u nofs ta' filghodu kien mar certu Marco Cassar jitlob l-assistenza tal-pulizija biex imorru hdejn il-kazin tal-football peress li kien hemm bzonn forza hemmhekk.  Qal li hu mar fuq il-post flimkien ma PS 1040 John Grima, PC 697 Mario Camilleri, PC 330 Manuel Schembri u PC 461 George Sultana.   Qal li fuq l-post irrizulta li kien hemm l-imputat odjern w avvicinawh u talbuh imur maghhom.  Qal li l-imputat beda jxejjer saqajh w idejh, jheddidhom u jghamlu *show*.  Qal li huma ppruvaw izommuh u hu qalilhom li kien sejjer l-ghassa pero ta daqqa ta' ponn lil PC 461 George Sultana u laqtu f'mohhu u dak l-hin zammewh mal-art filwaqt li PS 1040 John Grima cempel ghal assistenza peress li kellu xi dmija f'imniehru.  Spjega li dak l-hin l-imputat dar fuq PS 1040 John Grima u PC 330 Manuel Schembri u beda jxejjer idejh u saqajh fid-direzzjoni taghhom.  Qal li dak l-hin l-imputat dar fuq PC 354 Anthony Spiteri u qattaghlu l-qmis.

Illi nhar l-erbgha ta' Mejjuu 2006 rega' **xehed PC 821 Walter Camilleri** prodott mid-difiza [fol 104] fejn qal li hu kien laqqat daqqiet ta' ponn fl-incident in kwistjoni.  Qal li hu ra lil imputat jaghti daqqa ta' ponn f'mohh PC 461 George Sultana u huma zammewh.  Qal li hu kien presenti l-hin kollu u li dak l-hin l-imputat kellu xi demm hiereg minn imniehru.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Settembru 2005, **xehed PC 1117 Mario Camilleri** [fol 58] fejn qal li nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Gunju 2005 waqt li kien l-ghassa tal-pulizija n-Nadur ghal habta tas-siegha w nofs ta' filghodu, kien mar certu Felix Debono u qalilhom li kien hemm persuna fis-sakra fil-kazin tal-football tan-Nadur w ghalhekk, hu, flimkien ma xi ufficjali ohra nizlu hemm fejn fit-triq sabu lil

imputat presenti fl-awla.  Qal li dan mar ghal fuqhom b'mod aggressiv u huma ppruvaw izommuh, meta dan xejjer daqqa ta' ponn fuq PC 354 Anthony Spiteri u qattaghlu anke l-qmis.  Qal li wara li rnexxilhom jzommuh haduh l-ghassa u hemm ipprova jerga jahbat ghal PC 461 George Sultana u dan spicca stordut tant li kellhom icemplu ghal ambulanza.

Illi nhar l-erbgha ta' Mejju 2006 rega' **xehed PC 1117 Mario Camilleri** prodott mid-difiza [fol 105] fejn mistoqsi jekk rax daqqiet ta' ponn wiegeb li ra tnejn, wahda fuq PC 461 George Sultana u ohra fuq PC 330 Emanuel Schembri.  Qal li huwa minnu li l-imputat kellu xi demm f'wiccu pero minn fejn kien hiereg ma kienx jaf, mhux minn imniehru ghaliex hu ma rahx jinfagar.  Qal li meta PC 461 George Sultana u PC 330 Emanuel Schembri qalghu d-daqqiet, d-demm ma rahx f'wicc l-imputat u d-daqqiet gew qabel l-imputat gie mindud mal-art.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Settembru 2005, **xehed PC 461 George Sultana** [fol 60] fejn qal li nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Gunju 2005 waqt li kien l-ghassa tal-pulizija n-Nadur ghal habta tas-siegha w nofs u hamsa ta' filghodu, kien mar certu Michael Cassar u qalilhom li kien hemm glieda fil-kazin tal-football tan-Nadur w ghalhekk, hu, flimkien ma xi ufficjali ohra nizlu hemm fejn fit-triq sabu lil Phyllis Debono li kkonfermatilhom dak li kien allega Michael Cassar.  Qaltilhom wkoll li l-imputat presenti fl-awla kien attakka lil gharus taghha u lilha u kien tefghalhom xi tazzi.  Qal li kif kienu waslu hdejn il-kazin, l-imputat presenti fl-awla, hareg minn go klikka nies u mar ghal fuqhom u huma talbuh imur l-ghassa maghhom pero dan spicca aggressiv maghhom u beda jghid xi kliem baxx u li huma jaghmlu *show* u li ma riedtx imur maghhom.

Qal li f'daqqa wahda qalilhom li kien ser jikkopera w ghalhekk ma zammewhx izjed, pero kif telquh, xejjirlu daqqa ta' ponn go mohhu w ghalhekk regghu zammewh u meddewh mal-art.  Qal li dak l-hin indunaw li kien infagar u telquh sakemm jerga jigi s'sikktu.  Zied jghid li pero kif

telquh, rega’ fajjar daqqa ta’ ponn lil PC 330 Manuel Schembri fuq imniehru, tah daqqa u tefghu mal-art.

Qal li sadanitant lahaq gie PC 354 Anthony Spiteri li pprova jzomm lil imputat u spicca biex l-imputat qattaghlu l-qmis. Qal li dakinhar aktar kmieni kienet marret persuna mill-kumitat tan-Nadur li qaltilhom li l-imputat kien qed jikkawza x’inkwiet ghaliex ried jerfa fil-vara u huma ma hallewhx. Qal li hu, flimkien ma PS 1040 John Grima kienu marru w ikkalmawh. Mistoqsi jekk dakinhar l-imputat kienx fis-sakra, x-xhud qal li ma tantx kellu riha ta’ xorb.

Illi nhar l-erbgha ta’ Mejju 2006 rega’ **xehed PC 461 George Sultana** prodott mid-difiza [fol 106] fejn ikkonferma ghal darb’ohra li hu kien qala daqqa ta’ ponn fl-incident in dezamina. Mistoqsi jekk meta qala d-daqqiet l-imputat kellux demm ma wiccu x-xhud wiegeb li l-imputat kellu demm ma wiccu pero ma kienx jaf fi x’hin ra dan d-demm. Qal li ra lil imputat jaghti daqqa ta’ ponn lil PC 330 Emanuel Schembri u jitfghu mal-art. Qal li ma kienx f’posizzjoni jikkonferma jekk dak l-hin l-imputat kellux diga d-demm. Qal li meta hu qala d-daqqa ta’ ponn minghand l-imputat dan tal-ahhar ma kienx mal-art, kien qed jigi mizmum minn PC 1117 Mario Camilleri u PC 821 Walter Camillerii. Qal wkoll li PS 1040 John Grima kien fl-akwati.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Settembru 2005, **xehed PC 354 Anthony Spiteri** [fol 62] fejn qal li nhar t-tmienja w ghoxrin ta’ Gunju 2005 waqt li kien l-ghassa tal-pulizija n-Nadur ghal habta tas-siegha w nofs u hamsa ta’ filghodu, kienu qabduhom fuq r-radio fejn qalulhom li kien hemm xi pulizija li kienu gew aggrediti fin-Nadur w ghalhekk hu mar fuq il-post fejn sab lil imputat presenti fl-awla mal-art u l-pulizija madwaru. Qal li l-imputat qam minn mal-art, qabdu minn sidru u carrattlu l-qmis. Qal li huma tawh ordni biex imur l-ghassa bil-kwiet u hekk ghamlu. Ix-xhud esibixxa l-qmis li qattghalu l-imputat dwar l-incident li giet mmarkata bhala dokument S.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Settembru 2005, **xehed PC 330 Manuel Schembri** [fol 63] fejn qal li nhar t-tmienja

w ghoxrin ta’ Gunju 2005 waqt li kien l-ghassa tal-pulizija n-Nadur ghal habta tas-saghtejn ta’ filghodu, kienu gew infurmati fuq r-radio li kien hemm xi pulizija li gew aggrediti fin-Nadur. Qal li hu mar fuq il-post flimkien ma xi ufficjali ohra fejn sabu lil imputat presenti fl-awla. Qal li hu ra lil imputat hiereg ghalihom mill-kazin tal-football tan-Nadur w ghalhekk huma ppruvaw jikkalmawh, pero dan hebb ghalihom tlett darbiet, mar f’nofshom u xejjirlu daqqtejn ta’ ponn, wahda fuq spalltu u ohra fuq ghajnejh u tefghu ghal tulu mal-art, tant li spicca l-isptar fejn gie rilaxxjat certifikat mediku fil-konfront tieghu. Qal li kien hemm xi pulizija ohra li gabru lil imputat minn fuqu.

Illi nhar l-erbgha ta’ Mejju 2006 rega’ **xehed PC 330 Emanuel Schembri** riprodott mid-difiza [fol 107] fejn qal li hu gie milqut b’daqqa ta’ ponn fuq spalltu minghand l-imputat u daqqa ohra go wiccu wara li l-imputat kien gie mimdud mal-art. Qal li meta hu qala d-daqqiet l-imputat kien diga bid-demm wiccu. Qal li ma kienx jaf kif l-imputat spicca bid-demm f’wiccu.

Illi nhar l-ewwel ta’ Dicembru 2005, **xehed Mario Scerri** [fol 69] fejn ikkonferma li fl-incident ta’ nhar t-tmienja w ghoxrin ta’ Gunju 2005, hu kien sofra ksur f’saqajh x-xellugija u dam biha fil-gibs ghal seba’ gimghat.

Illi nhar l-erbgha ta’ Mejju 2006 rega’ **xehed Mario Scerri** [fol 99] fejn qal li hu fl-ebda hin ma mess lil imputat waqt l-glieda meta gie attakkat minnu, ghalkemm kienu gew fl-idejn. Qal li kienu f’xulxin, waqghu, hu lewa saqajh u weggha, tant li kiser siequ meta gew fl-idejn w apparti din il-ferita, ma kellux ohrajn. Qal li hu waqa mhux ghax imbuttah l-imputat, izda ghaliex tilef il-bilanc u waqa mal-art. Qal li x’hin imbuttah l-imputat, hu ma kienx waqa mal-art.

Illi nhar l-ewwel ta’ Dicembru 2005, **xehed l-Ispettur Antonello Grech** [fol 70] fejn esibixxa sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] fil-konfront tal-imputat odjern datata erbatax ta’ Jannar 1996 markata bhala dokument AG [fol 71] fl-liema sentenza hu kien l-ufficjal prosekutur, sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat

odjern datata tmienja w ghoxrin ta' Jannar 2004 markata bhala dokument AG 1 [fol 73] fejn wkoll kien l-ufficjal prosekutur, sentenza ohra fil-konfront tal-imputat odjern datata erbgha ta' Novembru 2004 markata bhala dokument AG 2 [fol 75] u sentenza ohra wkoll fil-konfront tal-imputat odjern datata erbatax ta' Lulju 1993 markata bhala dokument AG 3 [fol 77].

Illi nhar s-sebgha ta' Marzu 2006 rega' **xehed l-Ispettur Antonello Grech** [fol 96] fejn ikkonfema li fis-sentenza esibita bhala dokument AG a fol 71 tal-atti moghtija fil-konfront tal-imputat odjern, hu kien l-Ufficjal Prosekutur.

Illi nhar l-ewwel ta' Dicembru 2005, **xehed Michael Cassar** [fol 79] fejn qal li jiftakar li hu kien xoghol f'bar barra l-kazin tal-football tan-Nadur dakinhar tal-festa. Qal li l-glieda in kwistjoni sehhet gewwa l-bar u li hu ma rahiex issehh. Qal li hu fl-ebda hin ma ra lil imputat jghaddi minn quddiemu ghalkemm fuq il-post ra xi pulizija.

Illi nhar s-sebgha ta' Marzu 2006, **xehdet WPC 248 Kimberley Hili** [fol 94] fejn ikkonfermat li PC 1117 Mario Camilleri, PC 354 Anthony Spiteri, PC 461 George Sultana, PC 330 Emanuel Schembri, PC 821 Walter Camilleri u PS 1040 John Grima huma membri fil-Korp tal-Pulizija u li fit-tmienja w ghoxrin ta' Gunju 2005 kienu wkoll.

Illi nhar s-sebgha ta' Marzu 2006 **xehed l-Ispettur Maurice Curmi** [fol 95] fejn ikkonfema li fis-sentenza esibita bhala dokument AG 2 a fol 75 tal-atti moghtija fil-konfront tal-imputat odjern, hu kien l-Ufficjal Prosekutur.

Illi nhar l-ewwel ta' Gunju 2006 **xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 109] fejn qal li dakinhar tal-incident hu kien fil-kazin tal-football tan-Nadur fejn habat ma Mario Scerri u kellu argument mieghu u wara telqu 'l barra t-tnejn. Qal li ma bdewx jaghtu imma jitghajjru. Qal li f'xi hin imbuttaw lil xulxin u hu telaq 'l isfel hdejn il-kazin. Qal li f'xi hin Mario Scerri waqa. Mistoqsi kif waqa x-xhud m'gharafx iwiegeb ghaliex ma rahx jaqa, pero jaf li waqa kif hareg hdejn t-targa tal-kazin ghaliex sema' hekk. Qal li

hadd minnhom ma kellu xi feriti. Spjega li hu mbaghad telaq minn hdejn il-kazin tal-football ghal hdejn dak tan-nazzjonalisti u gew il-pulizija, xi sitta, u tefghuh mal-art, u bdew jaghtuh daqqiet bis-sieq f'wiccu u beda hiereg d-demm minn imniehru u gie nnokkjat. Qal li hu spicca b'wiccu mal-art maghfus mill-pulizija. Qal li hu ma setghax isawwat lil pulizija ghaliex huma bdew jissalvaggjaw mieghu.

Mistoqsi min minn kien gie msawwat ix-xhud wiegeb li ma setghax jara min kien qed isawwtu dak l-hin ghaliex kien wiccu mal-art. Qal li f'xi hin wiehed minnhom qal 'ejja mmorru nahslulu wiccu l-ghassa'. Qal li jaf li kienu haduh jahsel wiccu mid-demm hdejn dar vicin il-kazin tan-Nazzjonalisti. Mistoqsi minn hadu jahsel wiccu x-xhud wiegeb li ma kienx jaf min hu pero jghid li kien pulizija. Cahad li hu ta xi daqqa ta' ponn lil xi hadd. Qal li minnufih qabduh u spicca l-*lockup*. Qal li hu ma kienx gie fl'idejn ma Mario Scerri, imbuttaw biss lil xulxin. Qal li ma kienx jaf kif kien waqa Mario Scerri.

Illi nhar t-tmienja ta' Marzu 2007 **xehed Anthony Grech** [fol 122] fejn mistoqsi jekk kienx presenti meta l-imputat kellu xi jghid mal-ufficjali tal-pulizija, wiegeb li kien. Qal li kien miexi lejn il-kazin tal-football lejn il-pjazza u ra tgegwegija ta' pulizija u x'hin ghadda minn hdejhom ra wkoll xi nies jzommu lil imputat presenti fl-awla, li kien mal-art. Qal li hu ra erbgha jew hames pulizija jzommu lil imputat mal-art. Qal li fl-ebda hin ma ra lil imputat jaghti lil xi pulizija jew lil pulizija jaghtuh. Qal li l-imputat kellu demm f'wiccu. Qal li ra li l-imputat kellu d-demm f'wiccu meta kien fil-pjazza bil-pulizija ghaddejjin jimxu bih f'idejhom. Qal li ma kienx jaf kif spicca bid-demm ma wiccu l-imputat. Zied jghid li l-ewwel darba li ra lil imputat kien mal-art. X'ghamel qabel hu ma kienx jaf.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tiddependi bis fuq il-kredibilita tax-xhieda w ghalhekk il-kompitu ta' din il-Qorti huwa biss li tezamina x-xhieda mismugha u tara jekk ghandhix mis-sewwa jew le. Imbaghad fit-tieni lok, jekk il-pulizija wzawx forza

eccessiva sabiex zammu lil imputat mill-aggressjoni tieghu.

Illi l-incident 'n kwistjoni sehh meta l-pulizija gew mghajta sabiex jaghtu assistenza peress li kien hemm persuna aggressiva li kienet qed thebb ghal nies u tikkreja paniku, tant li anke saru jafu li kien hemm xi persuna feruta.

Huma ghalhekk marru fuq il-post li gie ndikat lilhom w irrizultalhom li kien l-imputat li aggredixxa lil Mario Scerri u li gew fl-idejn tant li Mario Scerri tilef l-bilanc, waqa mal-art u kiser saqajh bhala rizultat tal-glieda li kellhom bejniethom. L-imputat jghid li Mario Scerri nsulentalu lil martu u lil ibnu filwaqt li Mario Scerri w x-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni ilkoll jixhdu dan.

Illi 'n segwitu l-pulizija marru sabiex jarrestaw lil imputat u dan qabad u hebb ghalihom. Dwar dan ma hemm ebda dubbju li kien l-imputat li hebb ghal ufficjali li kienu qed jaqdu dmirijiethom billi jaghtu servizz lil pubbliku.

Illi d-difiza sostniet li din hija xejn inqas minn dak li jghidu l-Inglizi u cioe '*a storm in a cup*' u kollu sehh minghajr raguni ta' xejn.

Illi l-Qorti, bir-rispett kollu, ma taqbilx ma dan ghaliex il-pulizija marru biex jigbru lil imputat li kien qed igib ruhu hazin u sabiex jinvestigaw reat li allegatament kien sehh. Biex jaghmlu dan, il-pulizija kellhom jaffettwaw l-arrest fuq l-imputat.

Illi jirrizulta li verament numru ta' ufficjali kif wkoll Mario Scerri, spicaw feruti, min b'ferita gravi u min b'ferita hafifa u dan kif deskritt ahjar mit-tobba.

Illi d-difiza tghid wkoll li l-pulizija kienu aggressivi mal-imputat minhabba l-attitudni negattiva u vjolenti tieghu.

Bir-rispett kollu, din il-Qorti ma taqbilx ma din s-sottomissjoni u dan ghaliex il-forza li ntuzat mill-pulizija kienet dik sabiex taffettwa l-arrest. Dak li ghamlu l-pulizija

qabel, kien biss li jzzommu l-kalma u jippruvaw jimbuttaw lil hinn l-aggressuri taghhom u cioe lil imputat odjern.

Id-dritt ta’ forza f’idejn pulizija taqa f’zewg kategoriji, dik s-sitwazzjoni fejn il-pulizija tista tuza forza u l-limitu ta’ forza li effettivament tista tintuza.

Huwa necessarju li l-pulizija tkun taf x'inhuma d-drittijiet taghha w d-differenzi li hemm bejn dik li tissejjah forza legittima '*legitimate force*', forza mhux rikjesta '*unneccessary force* ' u l-brutalita '*brutality*'.

Il-forza legittima '*legitimate force*' hija dik il-forza li Ufficjal tal-Pulizija juza sabiex jimpedixxi l-aggressur milli jkompli bl-agir illegali tieghu biex b'hekk igib is-sitwazzjoni taht kontroll. F'dak il-kaz li s-sitwazzjoni tkun taht kontroll u l-Ufficjal jippersisti bl-uzu ta' forza, allura b'hekk ikun qed jaqbez il-linja ta' forza legittima.

Il-brutalita '*brutality*' hija dik il-forza intenzjonali li juza Ufficjal tal-Pulizija f'kaz ta' bzonn legali.

Il-forza zejda jew ahjar l-'*unnecessary force*' tikkreja hsara daqs il-brutalita. Din, fil-maggor parti tal-kazijiet ssehh, meta Ufficjal tal-Pulizija, minhabba nuqqas ta’ *training* jew attitudni mhux dixxiplinat, ipoggi lilu nnifsu f’sitwazzjoni ta’ perikolu, fejn bilfors irid juza l-forza biex johrog minnha.

Id-differenza ewlenija bejn t-tnejn, hija li l-brutalita tinvolvi hsara intenzjonali zejda, waqt li *unnecessary force* ssehh meta l-pulizija, b’intenzjoni tajba, jghagglu f’sitwazzjoni li jkollhom quddiemhom.

Skond *The Code of Conduct for Law Enforcement Officials* tal-United Nations:

"*Law Enforcement Officials may use force only when strictly necessary and to the extent required for the performance of their duty.*"

Fil-fatt fin-notamenti mahruga mill-***Council of Europe - 1994*** pagna 182 dwar il-**Human Rights and the Police** gie ritenut li:

"*The use of force cannot be used if it is disappropriate to the legitimate objective to be achieved.*"

Taht t-tieni ktieb, Titolu 1 imsejjah "**Fuq is-Setghat u d-Dmirijiet Ezekuttivi**" fil-prodediment kriminali nsibu l-artikolu 355 tal-Kap 9 li jiddisponi li:

"*L-Ufficjal* [b'referenza ghal Pulizija] *m'ghandux juza hruxija, irbit jew tghakkis iehor hlief jekk ma jkunx jista bl-ebda mod jghaddi minghajrhom sabiex jzomm fiz-zgur l-arrestat jew jekk huma jkunu mehtiega minhabba bl-imgieba tal-arrestat.*"

Dan ifisser li jekk il-persuna koncernata ma toffrix resistenza fl-arrest jew tobdi l-ordni legittimi moghtija lilha mill-Pulizija Ezekuttiva, il-Pulizija qatt ma tista tigi gustifikata jew skuzata ghal uzu ta' xi forza.

Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tletin ta' Gunju, 1949*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Hewitt**, gie deciz li f'dawk il-kazijiet fejn bniedem jirresisti arrest jew ma jobdix l-ordni legittma tal-Pulizija, il-Pulizija jkollha tesegwixxi l-ordnijiet taghha bl-uzu ta' forza.

F'din is-sentenza, il-kompjant l-**Imhallef William Harding** qal;

"*The Police Constable had no other alternative beyond that of trying to take him by force.*"

U jkompli jghid lil :

"*When the appellant persisted in refusing to comply with Kitcher's orders (to accompany him to the Police Station) then Kitcher (the Police Officer) was entitled to use such degree of force as was necessary to secure the appellant*

*- provided says **Kenny** in his text book **Outlines of Criminal Law** - no more force is used than is proportionate to the immediate needs … of course, the quantum of force is not capable of being measured to a millimeter or weighed to an ounce.*"

Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Frar 1955*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Bartolo**, il-Qorti sostniet li:

"*L-uzu ta' forza meta rikjest mic-cirkostanzi tal-kaz, u fil-limiti tan-necessita tal-kaz, huwa permess mill-ligi mill-Membri tal-Pulizija in konnessjoni ma l-ezercizzju tad-dmirijiet pubblici taghhom.*"

F'***sentenza ohra moghtija mill-istess Qorti nhar l-hamsa w ghoxrin ta' April 1949*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v W Luck et** gie ritenut li :

"*There is nothing unlawful if a Police Officer uses that 'medium' of force that is necessary by the acts of the aggressor, so that the fact that the aggressor, as a result of the use of that force used by the Police Officer suffers some injury, could not appear to be material in his defence.*"

Illi fil-Kodici Penali ma nsibu l-ebda gwida dwar uzu ta' forza salv ghal artikolu fuq riferit u cioe l-artikolu 139A li gie ntrodott fl-1990, wara li l-Konvenzjoni Ewropeja saret parti mill-ligi taghna li jipprovdi li:

"*L-ebda Ufficjal Pubbliku fil-qadi ta' dmirijietu ma jista jikkawza hsara fizika jew mentali fuq persuna sabiex jottjeni stqarrija/konfessjoni, bhala piena ghal dak li jaghmel jew susspettat li ghamel, jew sabiex igieghel jaghmel jew ma jaghmilx xi haga b'intimidazzjoni jew ghal kwalsiasi raguni bbazata fuq diskriminazzjoni*."

Illi dan qed jinghad ghaliex ma jidhirx l-kaz li l-Pulizija Ezekuttiva ghamlet xi hsara fuq il-persuna tal-imputat b'mod voluntarju ghar-ragunijiet imsemmija f'dan l-artikolu.

Dan il-provvediment jenfasizza li l-uzu ta’ forza minn ufficjal tal-pulizija ghandha tkun l-eccezzjoni, waqt li timplika li l-pulizija jistghu jkunu awtorizzati biex juzaw forza fl-ammont li hu ragonevoli taht ic-cirkostanzi tal-kaz ghal prevenzjoni ta’ reat jew sabiex jigi affettwat arrest ta’ bniedem li qed jagixxi llegalment.

Din il-Qorti thoss li ghandha taghti l-protezzjoni mehtiega lil pulizija li jkunu qed jaqdu dmirhom u ma tistax thalli kazijiet bhal dawn fejn membri tal-Korp tal-Pulizija jigu mhedda, waqt li qed jaqdu d-dmirijiet taghhom – kultant f’sitwazzjonijiet difficli u delikati – b’leggerezza, qisu ma gara xejn, bhalikieku l-pulizija qeghda hemmhekk biex jigu mzebilha, sfidati w mhedda.

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija recwentement mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmienja ta’ Frar 2007*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Robert Camilleri** fejn inghad li:

*“Il-pulizija iridu jsibu protezzjoni mill-Qorti fil-qadi tad-dmirijiet delikati u perikoluzi taghhom. Trid tigi repressa l-kultura li tidher li qed tidhol fil-pajjiz, li membru tal-Korp tal-Pulizija huma punching bag, li kulhadd jista jahbat ghalihom, jheddidhom, jingurjhom, jekk mhux wkoll iferihom impunement.”*[vide **Il-Pulizija v Joseph Azzopardi** ***deciza nhar t-tletin ta’ Lulju 2002 mill-Qorti tal-Appell Kriminali [VDG]***, **Il-Pulizija v George Grech** ***deciza nhar t-tlieta w ghoxirn ta’ Jannar 2005 mill-Qorti tal-Appell Kriminali [VDG].***

Il-Qrati jridu jidhru li qeghdin attwalment jipprovdu din il-protezzjoni b’sentenzi serji u proporzjonali ghal oltraggi jew offizi sofferti mill-membri tal-Korp tal-Pulizija.

Il-Qorti ezaminat wkoll l-fedina penali tal-imputat esibit fl-atti a fol 10 et seq minn fejn jirrizulta li l-imputat li ghandu disgha w tletin sena diga ghandu sebgha convictions fejn instab hati fuq diversi reati ta’ theddid w ingurja lejn ufficjali pubblici w indhil fix-xoghol taghhom w akkuzi ohra t’aggressjoni, glied u tghajjir, akkuzi ta’ swat, ingurji,

nuqqas ta’ ko-operazzjoni mal-Korp tal-Pulizija, hsara voluntarja, offizi fuq persuna nkarigata minn servizz pubbliku w offizi ohra ta’ reati naxxenti mill-Ordinanza tat-Traffiku, fejn gie moghti diversi cansijiet sabiex ma jduqx l-habs.

Pero jirrizulta li ma tghallimx mill-opportunitajiet moghtija lilu u konsegwentement il-Qorti ghandha, din d-darba, tuza l-id iebsa mieghu.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 95, 96, 18, 214, 221, 325(1)(d), 339(1)(b)(d)(e), 338(bb)(dd)(ee)(g), 342, 49, 50, 383 u 384 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed ssib lil imputat DAVID ZERAFA hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u tiddecidi li tikkundannah komplessivament ghal perjodu ta’ tmintax [18] il-xahar priginerija effettiva.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------